# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar il-15 ta' Ottubru 2020

**Rikors Numru : 200/2018 JPG**

**Kawza Numru : 18**

**EI mizzewga C u xebba G**

**Vs**

**AC; CC; id-Direttur tar-Registru Pubbliku; U b'digriet tas-27 ta' Awissu, 2018 gew nominati Dr.Yanica Bugeja u PL Nadine Farrugia bhala kuraturi deputati nominati sabiex jirrapprezentaw lill-minuri FC li twieled f'X.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' EI mizzewga C u xebba G, datat 23 ta' Lulju 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi f'X twieled il-minuri FC u dan kif jirrizulta mic-Certifikat tat-Twelid (Dok. A);*

2. *Illi ghalkemm fic-Certifikat tat-Twelid imsemmi gie dikjarat illi l-missier tal-minuri huwa l-intimat CC, fil-fatt il-minuri gie koncepit f'kors ta' relazzjoni li l-esponenti kellha mal-intimat AC.*

3. *Illi fl-esponenti ghalhekk qed titlob li fic-Certifikat tat-Twelid tal-minuri F jigi registrat AC bhala l-missier naturali tal-minuri;*

4. *Illi l-intimat AC huwa iben DC, [mejjet], u R xebba T [mejta], imwieled SG , u li meta twieled il-minuri F l-imsemmi AC kellu l-eta' ta' Y sena u jirrisjedi SG.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skond il-Ligi:*

1. *Tiddikjara li CC m'huwiex il-missier naturali tal-minuri F li twieled f'X;*

2. *Tiddeciedi u tiddikjara li l-intimata AC huwa l-missier naturali tal-imsemmi minuri;*

3. *Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet necessarji fic-Certifkat tat-Twelid tal-minuri F (Dok EIG 1) billi fil-kolonni fejn hemm imndikat il-konnotati relattivi ghal missier il-minuri, tikkancella d-dettalji kollha ta' CC u tissostitwihom bil-konnotati ta' AC u dan billi:*

    a. *Fil-kolonna fejn hemm indikat l-isem li bih it-tarbija ghandha tigi msejha, kunjom il-minuri jinbidel minn C ghal C;*

    b. *Fil-kolonna fejn hemm imnizzel l-isem u l-kunjom ta' missier it-tarbija, l-isem jinbidel minn CC ghal AC;*

    c. *Fil-kolonna fejn hemm imnizel id-dokument tal-identita' ta' missier it-tarbija, in-numru jinbidel minn U ghal V.*

    d. *Fil-kolonna fejn hemm imnizzla l-eta ta' missier it-tarbija, il-post tinbidel minn W sena ghal Y sena;*

    e. *Fil-kolonna fejn hemm indikat r-residenza ta' missier it-tarbija, il-post jinbidel minn G ghal SG; u*

f. *Fl-ahharnett, fil-kolonna fejn hemm imnizzel isem il-missier ta' missier it-tarbija, l-isem jinbidel minn LC (ALIVE) ghal DC (DEAD).*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata ta' tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, datata 11 ta' Ottubru 2018, a fol 20 li taqra hekk:

1. *Illi l-attriċi naqqset milli tindika ai termini ta' liema artikolu qed issejjes il-proċeduri odjerni. Għaldaqstant, jkun ta' benefiċċju jekk l-attriċi tagħmel dan, filwaqt li l-esponent jirriżerva, bil-permess ġentili ta' din l-Onorabbli Qorti, id-dritt tiegħu li jissoleva eċċezzjonijiet ulterjuri u dan jekk dejjem ikun il-każ;*

2. *Illi in linea preliminari ukoll, għall-inqas mill-atti li ġew notifikati lill-esponent tidher li hemm nieqsa l-awtorizzazzjoni meħtiega ai termini tal-Artikolu 77C tal-Kodiċi Ċivili u dan għaliex it-terminu stabbilit mil-liġi ta' sitt xhur mit-twelid tal-minuri, f'liema perjodu l-persuna ikkonċernata tkun tista' tipproċedi b'kawża ta' denegata paternita' ai termini tal-Artikolu 77A jew Artikolu 77B tal-Kodiċi Ċivili, għadda. Għaldaqstant, f'dan l-istadju għandu jiġi ddikjarat jekk l-attriċi ġietx awtorizzata minn din l-Onorabbli Qorti sabiex tipproċedi b'din il-kawża istanti u fin-nuqqas ta' dan, f'ġieħ l-ekonomija tal-ġudizzju, l-attriċi għandha tirregola l-pożizzjoni tagħha immedjatament;*

3. *Illi fl-istess waqt ir-rikorrenti trid ukoll tegħleb il-prezunzjoni legali maħluqa bis-saħħa tal-Artikolu 81 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta billi adegwatament u konvinċentement turi li l-pussess ta' stat tal-minuri, ma' jaqbilx mal-atti tat-twelid tiegħu;*

*Bla preġudizzju għal premess u fil-mertu:*

4. *Illi l-esponent jiddikjara li ma huwiex edott mill-fatti hekk kif ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat;*

5. *Illi sabiex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrenti trid tipprova li fiż-żmien bejn it-tliet*

*mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tal-minuri, ir-rikorrenti kellha relazzjoni extra-maritali ma' AC, u barra minn hekk tipprova xi fatt ieħor li jista' wkoll ikunu testijiet u provi ġenetici li jeskludu lil intimat CC, bħala l-missier naturali tal-imsemmi minuri. Għal dan il-għan, jidher li r-rikorrenti ppreżentat kopja tar-rapport tat-test ġenetiku, liema rapport jonqos li jiġi maħluf mit-tekniku li wettaq l-istess test;*

6. *Illi f'każ li jintlaqaw it-talbiet tar-rikorrenti, l-esponenti jiddikjara li huwa ħa konjizzjoni tad-dettalji personali tal-intimat AC li jkunu jridu jiġu nseriti fl-Att tat-Twelid tal-minuri;*

7. *Illi f'każ li jintlaqaw it-talbiet tar-rikorrenti, l-esponenti jirrileva ukoll illi l-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandu jassumi l-minuri a tenur tal-Artikolu 92 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

8. *Illi subordinatament u f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, huwa importanti li l-kelmiet 'the said' li jinsabu qabel isem CC, senjatament taħt il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-tagħrif dwar l-omm, għandhom jiġu kanċellati mill-Atti tat-Twelid tal-minuri;*

9. *Illi l-esponenti jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponent u kwindi d-Direttur konvenut ma għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;*

10. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda minn issa inġunta in subizzjoni.*

Rat ir-risposta guramentata ta' Dr. Yanika Bugeja u PL Nadine Farrugia bhala kuraturi deputati nominati sabiex jirrapprezentaw lill-minuri FC, datata 19 ta' Ottubru 2018, a fol 25 et seqq., li taqra hekk:

1. *Illi preliminarjament l-esponenti jirrelevaw li huma ma humiex edotti mill-fatti.*

2. *Illi pero', stante li l-esponenti huma l-kuraturi tal-minuri, dawn jinnotaw li l-minuri twieled fis-sena 2005 u l-kawza qieghda ssir wara tlettax-il sena u ghalhekk jinholoq dubju kemm dan huwa fl-ahjar interess tal-minuri. Din il-procedura kienet inizzjata mill-omm stess li suppost kienet taf il-verita' sa mil-koncepiment u ghalhekk l-esponenti jistaqsu x'kien li zamm lill-attrici milli tinizzja din il-procedura f'dawn it-tlettax-il sena.*

3. *Illi inoltre, anke fid-dawl ta' dak li kien relevat fil-paragrafu ta' qabel dan, skond dokument li pprezentat l-attrici stess, it-test biologiku tad-DNA sar fis-sena 2015 izda l-attrici reghget stenniet 3 snin ohra biex tinizzja dawn il-proceduri.*

4. *Illi l-esponenti jirrelevaw li sitwazzjonijiet bhal dawn huma komuni llum-il gurnata izda l-persuna li hija responsabbli ghal dan l-agir ghandha tkun sensittiva lejn dak li huwa fl-ahjar interess tal-minuri binha u m'ghandhiex tistenna dan iz-zmien kollu biex tinizzja procedura bhal din, anke meta wiehed jikkonsidra li l-minuri irid jibda hajtu b'kunjom gdid meta diga ghandu 13-il sena.*

5. *Illi l-esponenti jirrelevaw li kellha ssir talba biex l-attrici tipprocedi b'din il-procedura gialadarba ghadda t-terminu skond kif stipulat fl-artiklu 73 tal-Kodici Civli.*

6. *Illi l-esponenti jirriservaw li jipprezentaw eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun hemm il-htiega.*

Rat ir-rikors ta' EI mizzewga C, datat 22 ta' Jannar 2019, a fol 71, li jaqra hekk:

*Illi permezz tar-rikors guramentat fl-ismijiet premessi, l-esponenti qed titlob, fost affarijiet ohra, li l-intimat CC jigi dikjarat li m'huwiex il-missier naturali tal-minuri F li twieled f'X; kif ukoll li l-intimat AC jigi dikjarat li huwa l-missier naturali tal-imsemmi minuri.*

*Illi din it-talba qeghda ssir ghab-bazi tal-Artikolu 77 tal-Kodici Civili (Kap.16) tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Illi din it-talba qeghda ssir fl-interess principali tal-minuri F u dan sabiex jirrifletti l-istatus tal-istess minuri matul is-snin kollha mit-twelid sal-lum. Filfatt il-minuri F minn dejjem trabba flimkien ma missieru l-intimat AC u jaf ben tajjeb li l-imsemmi intimat huwa l-missier naturali tieghu.*

*Ghaldaqstant, fl-isfond tas-suespost, l-esponenti titlob umilment sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha ai termini tal-Artikolu 77C tal-Kodici Civli (Kap.16) tal-Ligijiet ta' Malta, tawtorizza lill-esponenti tipprocedi bil-kawza fl-ismijiet premessi ai termini tal-Artikolu 77B tal-istess Kodici Civli.*

Rat illi l-intimat CC waqa' kontumaci;

Rat id-digriet taghha datat 23 ta' Jannar, 2019, li permezz tieghu l-Qorti laqghet it-talba u awtorizzat lill-attrici tipprocedi bil-kawza ai termini tal-Artikolu 77C tal-Kodici Civili (vide fol 81);

Rat is-sentenza in parte moghtija minn dina l-istess Qorti datata 6 ta' Dicembru 2019 (vide fol 108);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat il-fakolta' moghtija minn din il-Qorti fis-16 ta' April 2019, sabiex il-kontendenti jippresentaw Nota ta' Sottomissjonijiet;

Rat illi l-intimat CC baqa' inadempjenti;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-kontendenti l-ohra;

**Ikkonsidrat:**

**Christopher Farrugia** xehed a fol 62 *et seqq* illi huwa ha l-kampjuni genetici minghand il-partijiet bil-kunsens taghhom u baghat l-istess kampjuni lil DNA Diagnostic Centre ghall-ezami.

Huwa pprezenta r-rapport relattiv li jistabilixxi illi AC huwa l-missier bijologiku ta' FC.

**Ir-rikorrenti** xehdet a fol 100 *et seqq* illi hija ilha taf lil AC mis-sena 1996 ghaliex il-hanut tieghu kien qrib l-appartament taghha, u sussegwentement kienu bdew relazzjoni intima mill-liema hija kienet harget tqila bil-minuri F li twieled fl-X. Xehdet li ghalkemm dak iz-zmien kienet mizzewwga, hija kienet certa li t-tarbija kienet ta' C peress li dak iz-zmien ir-ragel taghha kien il-habs u ghalhekk kien qed ikollha relazzjonijiet intimi ma' C biss. Qalet illi t-tifel llum il-gurnata ghandu erbatax -il sena, u li kienu ghamlu t-testijiet genetici fl-2015 peress illi kienu skoprew illi kellu Diabetes type 1 u riedu jkunu jafu minn fejn gejja. Dan it-test kien ikkonferma li l-missier bijologiku tal-minuri huwa C. Qalet illi t-tifel dejjem kien maghruf bil-kunjom ta' C, izda hija tixtieq illi jinbidel il-kunjom u jsir C. Qalet illi hi u l-minuri kienu ilhom joqghodu ma' C sa minn mindu twieled it-tifel, u ghalhekk it-tifel dejjem jaf lil C bhala missieru tant illi l-minuri kien staqsiha minn hu CC u hija kienet spjegatlu li hu l-ex ragel taghha. Ziedet illi l-konvivenza tal-partijiet kienet intemmet fl-2013 izda C jezercita access fil-konfront tal-minuri, u jhallas l-ispejjez edukattivi tat-tifel.

**AC** xehed permezz ta' affidavit a fol 122 illi huwa ilu jaf lir-rikorrenti mis-sena 1996 u beda relazzjoni maghha fl-2004. Spjega illi ghalkemm dak iz-zmien ir-rikorrenti kienet mizzewga lill-intimat CC, C qatt ma kien ikun id-dar ghaliex dejjem diehel u hiereg il-habs. Kompla illi dik is-sena stess ir-rikorrenti kienet inqabdet tqila u f'X kien twieled binhom F. Qal illi huwa kien cert li l-minuri huwa ibnu peress illi C ma kienx jersaq lejn ir-rikorrenti minhabba li kien ikun il-habs. Xehed illi ghalhekk huma bdew jghixu flimkien bhala familja minn dak iz-zmien fir-residenza tieghu, fejn marru joqoghodu flimkien ma' ulied ir-rikorrenti minn zwieg precedenti. Xehed illi llum il-gurnata hu u r-rikorrenti m'ghadhomx f'relazzjoni u dan sa mis-sena 2013 izda huwa ghadu jipprovdi manteniment ghall-minuri, li jorqod ghandu tlett darbiet fil-gimgha. Spjega illi huwa dejjem ha sehem attiv fil-hajja ta' ibnu, jinvolvi ruhu fl-edukazzjoni tieghu, iwasslu ghall-iskola u l-attivitajiet extra-kurrikurali tieghu u jqatta' hin ta' kwalita mieghu billi jharrgu fl-isports bhala *football* u *waterpolo.*

Xehed illi l-minuri dejjem trabba mieghu u ghalhekk jaghraf lilu bhala missieru u filfatt isejjahlu "daddy" u anke l-hbieb u l-ghalliema jafuh bhala missier il-minuri ghaliex il-minuri dejjem ikun mieghu jekk ma jkunx ma' ommu. Zied illi inoltre l-minuri huwa maghruf bhala ibnu sa minn mindu twieled mill-familjarji tar-rikorrenti u tal-intimat C, kif ukoll mal-girien u hbieb. Qal illi huwa dejjem ghamel minn kollox sabiex jibqa' attiv fil-hajja ta' ibnu li tant huwa ghaziz ghalih.

**Ikkonsidrat;**

Mill-atti jirrizulta illi ghalkemm l-intimat CC gie debitament notifikat bir-rikors guramentat tar-rikorrenti permezz tal-procedura ta’ affissjoni u publikazzjoni, huwa baqgha kontumaci f’dawn il-proceduri.

Skond il-ligi, l-kontumacja ma tfissirx u ma tistax tigi ekwiparata ma ammissjoni. Infatti kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Blye Engineering Co. Ltd Vs Philip Borg Bellanti u Joe Fenech** deciza fit-22 ta' Gunju, 2005, Appell Civili per Onor. Imhallef Philip Sciberras:

> “... ***huwa wkoll principju ben stabbilit illi ghalkemm il-konvenut jibqa’ kontumaci dan ma kellux jinftiehem bhala li hu abbanduna kull eccezzjoni li seta’ jaghti fil-kawza u ammetta d-domanda. Sta ghall-gudikant li jezamina jekk it-talba hix gustifikata, indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut. Vide Kollez. Vol. XXIX P III p 35***;”

Illi infatti fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Edmond sive Jesmond Meilaq v. Brian Mizzi et** noe., Appell, 27 ta’ Marzu, 1996 inghad:

> “***Illi fl-ahharnett irid jinghad illi skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna, il-konvenut li jibqa’ kontumaci, bhal kaz odjern, ma jitqiesx li ammetta t-talba ta’ l-attur, izda jitqies li jkun irrimetta ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti. Dana ma jfissirx pero’ li l-Qorti tista’ tqajjem hija stess ex officio kwalunkwe eccezzjoni li l-konvenut seta’ jqajjem kieku kkontesta l-kawza billi kif gie ritenut fis-sentenza ta’ l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell in re Hammet vs Genovese moghtija fil-31 ta’Jannar 1991: “Il-Qorti m’ghandhiex tissolleva eccezzjoniiet li mhiex awtorizzata espressament mill-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili jew minn konsiderazzjonijiet ta’ ordni Pubblika.„***
>
> ***Ghaliex altrimenti tinholoq sitwazzjoni fejn il-Qorti tiddeciedi fuq eccezzjoni taghha stess haga li mhix rakkomandabbli billi tinvolvi vjolazzjoni ta’ principju kardinali tas-smiegh xieraq tal-kawza;***”

Vide ukoll sentenza fl-ismijiet **Joseph Aquilina noe v. Lino Debono**, Qorti tal-Appell,

deciza fis-7 ta’ Ottubru, 1997.

**Ikkonsidrat;**

Illi din hija kawza maghmula ai termini tal-Artikolu 77B tal-Kodici Civili, ai termini ta’ liema:

> “***It-talba ġudizzjarja għad-dikjarazzjoni li persuna huwa ġenitur kif imsemmija fl-artikolu ta’ qabel dan, tista’ wkoll tiġi eżerċitata mill-ġenitur li wiled permezz ta’ rikors ġuramentat quddiem il-qorti kompetenti kontra l-konjuġi l-ieħor, il-ġenitur naturali u l-wild imwieled fiż-żwieġ jekk kemm-il darba tali ġenitur li wiled jipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tal-wild tali ġenitur wettaq adulterju ma’ dik il-persuna li dak il-ġenitur ikun qiegħed jitlob li jiġi ddikjarat bħala l-ġenitur naturali tal-wild u barra minn hekk jipprova xi fatt ieħor li jista’ wkoll ikunu testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi li x’aktarx jindikaw lil dik il-persuna bħala l-ġeniturnaturali tal-wild.***”

Il-Qorti rat illi l-Artikolu 81 tal-Kodici Civili jipprovdi illi:

> “**(1)** ***Ħadd ma jista’ jitlob stat kuntrarju għal dak li jagħtuh l-att tat-twelid bħala iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ u l-pussess ta’ stat li jaqbel ma’ dak l-att.***
>
> ***(2) Hekk ukoll, ħadd ma jista’ jattakka l-istat ta’ iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ ta’ tifel li jkollu l-pussess ta’ stat li jaqbel mal-att tat-twelid tiegħu.***”

Il-Qorti taghmel ukoll referenza ghall-Artikolu 80 tal-Kodici Civili, skont liema:

> “***(1) Il-pussess tal-istat ta’ iben leġittimu jiġi stabbilit minn ġabra ta’ fatti li, meħudin flimkien, jiswew biex juru r-rabta ta’ filjazzjoni u ta’ demm bejn it-tifel u l-familja li hu jgħid li hi l-familja tiegħu.***
>
> ***(2) L-ewlenin fost dawn il-fatti huma:***
> ***(a) illi t-tifel ikun ġieb dejjem il-kunjom tal-missier li tiegħu hu jgħid li huwa l-iben;***
> ***(b) illi l-missier ikun ittrattah bħala ibnu, u, f’dik il-kwalità, ħaseb għall-***

> ***manteniment u edukazzjoni tiegħu, u sabiex jikkollokah;***
> ***(ċ) illi t-tifel ikun ġie dejjem magħruf bħala tali man-nies;***
> ***(d) illi huwa jkun ġie magħruf bħala tali mill-familja."***

Fir-rigward tal-Artikolu 81 hawn fuq citat, fis-sentenza fl-ismijiet **Pierre Travers Tauss vs Direttur tar-Registru Pubbliku et noe,** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' Mejju 1996 intqal illi:

> ***"Iktar ma jghaddi z-zmien aktar qed taqbad l-gheruq il-fehma li r-realtajiet biologici socjali ghadhom jipprevalu fuq il-prezunzjoni legali li pater est quem iustaw nuptaie demonstrant. Fil-kaz ta' Kroon versus The Netherlands, il-Qorti Ewropea hadet in konsiderazzjoni li n-nozzjoni ta' familja ma kinitx ristretta biss ghar-relazzjonijiet ibbazati fuq iz-zwieg izda tapplika wkoll ghal de facto family ties ohra fejn il-partijiet ikunu qed jghixu flimkien izda mhux fl-ghaqda taz-zwieg. Huwa fid-dover ta' l-istat li jagixxi b'mod li din ir-relazzjoni tkompli tizviluppa fl-interess ta' l-istess minuri. Ghalhekk l-artikolu 81 tal-Kodici Civili m'ghandux johloq ostakolu ghall-akkoljiment tat-talbiet ta' l-attur."***

Il-Qorti rat illi l-minuri FC twieled f'X, u gie rregistrat bhala iben CC, li dak iz-zmien kien ghadu legalment mizzewweg mar-rikorrenti. Illi pero jirrizulta u mhux kontestat illi f'dan iz-zmien, r-rikorrenti kellha relazzjoni extra-maritali ma' AC fl-2004, u li l-minuri twieled anqas minn sena wara li bdiet din ir-relazzjoni. Mhux kontestat ukoll illi dak iz-zmien ir-rikorrenti u zewgha CC ma kienux qieghdin jghixu flimkien peress illi huwa kien jinsab detenut fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin.

Il-Qorti rat illi r-rikorrenti kienet dejjem taf illi l-minuri huwa iben AC u mhux ir-ragel taghha, u skont ix-xhieda mhux kontestata taghha u tal-intimat AC, il-familjarji u l-hbieb taghhom, il-hbieb u l-ghalliema tal-minuri, u anke CC stess, kienu jafu lil C bhala missier it-tarbija sa mit-twelid tieghu.

Il-Qorti rat ukoll illi mit-testijiet genetici, li f'kawzi bhal dawn huma l-prova regina, jirrizulta car illi AC huwa l-missier biologiku tal-minuri. Illi ghalhekk il-parentela tal-minuri giet stabbilita minghajr ombra ta' dubbju u minn dan isegwi illi t-talbiet tar-rikorrenti huma fondati fil-fatt u fid-dritt, u qed jigu milqugha.

Il-Qorti rat illi r-rikorrenti giet debitament awtorizzata sabiex tintavola dawn il-proceduri

permezz ta’ digriet ta’ din il-Qorti datat 23 ta’ Jannar 2019.

Fir-rigward tal-kunjom tal-minuri, il-Qorti rat illi t-tieni proviso tal-Artikolu 73 tal-Kodici Civili jipprovdi illi:

> “***Iżda wkoll, meta kawża sabiex jiġi miċħud wild issir minn xi wieħed mill-konjuġi wara li jkunu għaddew il-perjodi stipulati fil-paragrafi (a), (b) jew (ċ) skont l-ewwel proviso ta’ dan l-artikolu, kull sentenza li biha l-wild jiġi miċħud ma jkollhiex l-effett illi tbiddel il-kunjom tat-tifel jew ta’ xi persuna oħra li tkun ħadet kunjomha mingħand it-tifel sakemm il-qorti, fuq talba ta’ xi waħda mill-partijiet magħmula jew fir-rikors ġuramentat li bih tkun inbdiet il-kawża jew b’rikors separat magħmul matul il-kawża, ma tipprovdix xort’oħra.***”

Rat ukoll illi t-tieni proviso tal-Artikolu 77 jipprovdi illi:

> “***Iżda wkoll, meta l-filjazzjoni ta’ persuna tkun ġiet dikjarata mill-qorti, kull min b’konsegwenza ta’ dik id-dikjarazzjoni jkun ser jassumi kunjom li ma jkunx il-kunjom użat minnu qabel dik id-dikjarazzjoni, jew ir-rappreżentant leġittimu tiegħu, jista’ jitlob lill-qorti kompetenti b’rikors kontra d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li jitħalla juża dak il-kunjom l-ieħor, u jekk il-qorti tkun sodisfatta li b’dak l-użu ma jkunux ser jiġu preġudikati terzi u, fejn ir-rikors ikun sar għan-nom ta’ minuri, li dak l-użu jkun fl-aħjar interess tal-minuri, hija għandha tilqa’ dik it-talba u tordna lid-Direttur iniżżel annotazzjoni tad-deċiżjoni mogħtija minnha fuq l-att tat-twelid rilevanti ta’ min tkun ġiet hekk dikjarata l-filjazzjoni tiegħu.***”

Relevant wkoll huwa r-raba’ proviso tal-Artikolu 92 (1) tal-Kodici Civili illi jipprovdi li:

> “***Iżda wkoll, jekk ir-rikonoxximent jintalab li jsir permezz ta’ talba ġudizzjarja quddiem il-Qorti kompetenti wara d-dħul fis-seħħ ta’ dan il-proviso, it-talba opportuna sabiex wara kunjom il-missier jiġi miżjud kunjom l-omm għandha ssir lill-Qorti f’kull ħin qabel il-pronunzjament tas-sentenza. Fin-nuqqas ta’ dik it-talba t-tifel jieħu kunjom il-missier.***”

Il-Qorti rat illi r-rikorrenti stess qed titlob illi l-kunjom tal-minuri jinbidel u jsir C sabiex

jirrispekja l-kunjom ta’ missieru bijologiku. Il-Qorti rat illi ghalkemm kemm ir-rikorrenti u kif ukoll C xehdu u kkonfermaw bil-gurament taghhom illi kienu certi li l-minuri huwa l-iben bijologiku ta’ C, huma baqghu ma intavolawx il-proceduri necessarji sabiex il-minuri jigi rregistrat bhala iben C sakemm dan kellu tlettax – il sena, u sad-data ta’ din is-sentenza l-minuri lahaq ghalaq hmistax -il sena. Il-Qorti tqis illi huwa censurabbli illi r-rikorrenti u l-intimat C, qua l-genituri tal-minuri, damu jistennew tant sabiex jinizjaw proceduri permezz ta’ liema jista’ jinbidel l-kunjom tal-minuri, li issa ilu maghruf bil-kunjom C ghal dawn l-ahhar hmistax -il sena. Illi madankollu, ikkonsidrat illi l-minuri trabba bhala iben l-intimat C ghal hajtu kollha, u mix-xhieda jirrizulta illi l-persuni kollha involuti fil-hajja tal-minuri jafu illi huwa iben AC u mhux iben CC, il-Qorti tqis illi ma jirrizultax illi l-minuri ser jigi pregudikat bil-bidla fil-konjom. Illi ghaldaqstant il-Qorti tqis illi din it-talba ghandha tigi milqugha.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti u dawk l-eccezzjonijiet tal-intimati illi mhux gia decizi permezz tas-sentenza in parte ta’ din il-Qorti tas-6 ta’ Dicembru 2019 billi:**

**(1) Tiddikjara li l-intimat CC ma hux il-missier naturali ta’ FC;**

**(2) Tiddikjara li l-minuri FC, huwa effettivament il-wild naturali tal-intimat AC;**

**(3) Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet kollha necessarji fic-Certifikat tat-Twelid ta’ FC liema att ghandu n-numru X sabiex jirrifletti din il-verita' dwar il-paternita' tal-minuri fosthom:**

**(a) jbiddel l-kunjom "C" fil-kolonna "Isem jew ismijiet li bih / bihom it-tarbija ghandha tigi msejha" bil-kunjom "C";**

**(a) jhassar il-kliem "CC" fil-kolonna "Isem u Kunjom" b’referenza ghall-Missier it-Tarbija, u minflok inizzel “AC”, ihassar il-kliem “the said” fil-kolonna "Isem u Kunjom" b’referenza ghall-Omm it-Tarbija, ihassar n-numru tal-Karta tal-Identita Maltija "U" fil-kolonna "Id-Dokument ta' l-Identita" relattiv ghall-missier tal-minuri u minflok inizzel n-numru tal-Karta tal-Identita Maltija "V", ihassar n-numru “W” fil-kolonna “Eta’” b’referenza ghall-missier tal-minuri u minflok inizzel in-numru “Y”, ihassar l-post “G, Malta” fil-kolonna**

**"Fejn Joqghodu", in kwantu jirrigwarda ir-residenza ta' "Missier it-tarbija" u minflok inizzel l-post "SG, Malta", ihassar il-kliem "LC (alive)" u minflok inizzel il-kliem "DC (dead)" fil-kolonna "Isem u Kunjom il-Missier u jekk hux haj jew mejjet", b'referenza ghall-intestata "Missier it-Tarbija".**

**L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri, inkluz ir-rikors ghall-awtorizazzjoni, ghandhom jithallsu minn EIC.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**